MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 968/2003/1

**Albert u Mary konjugi Sacco**

**vs**

**John u Mary konjugi Bugeja**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Ottubru, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta Mejju 2003 fejn intalab li l- konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf mitejn tnejn u hamsin lira (Lm1252) rapprezentanti in parti bhala parti mir-rifuzjoni mill-prezz imhallas fuq vann tal-marka Hunter u spejjes imhallsa mill-attur f'tiswijiet fuq l-istess vann stante li b'sentenza

tal-Qorti tal-Appell datata 11 ta Marzu 2003 fl-ismijiet inversi (Dok A) l-atturi kienu gew ordnati jiritornaw il-vann lura lill-konvenuti b'riserva ghal refuzjoni tal-prezz imhallas u tal-ispejjes inkorsi.
Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 23 ta Mejju 2003 fejn gew kontestati t-talbiet attrici stante li fl-ewwel lok kienu ntempestivi il-ghaliex il-vann kien ghadu fil-pussess taghhom u fit-tieni lok il-preskrizzjoni ta hames snin.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti partikolarment is-sentenza tal-appell mehmuza mal-odjern process stante li d-Dok A allegatament anness mal-avviz ma kienx fil-fatt anness.

Ikkunsidra.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti jinghad illi fil-mori tal-kawza l-vettura in kwistjoni giet depositata ghand konsenjatarju pendenti l-esitu ta dawn il-proceduri filwaqt li gie verbalizzat li l-preskrizzjoni ta hames snin invokata mill-konvenuti hija dik kontemplata fl-artikolu 2156(f) Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta.

Illi s-sentenza li permezz taghha gie ordnat ir-rilaxx tal-vann in kwistjoni saret res judicata fid-data tad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell cioe fil-11 ta Marzu 2003. Di piu din tassumi rilevanza aktar meta tqis li kien biss fil-Qorti tal-Appell li nghatat tali decizjoni stante li fl-ewwel Qorti t-talba tal-odjerni konvenuti kienet giet michuda. Din il-kawza ghal refuzjoni giet intavolata fi zmien ftit xhur mid-data tal-precitata sentenza tal-appell u ghalhekk anqas it-tieni eccezzjoni rigwardanti l-preskrizzjoni ta l-azzjoni odjerna ma treggi.

Illi ghalkemm jidher li l-konvenuti ma jidhrux li kkontestaw it-talbiet attrici fil-meritu, dan it-Tribunal ser jezamina s-sentenza tal-appell u l-process relattiv biex jiddeciedi jekk l-attur hux gustifikat li jitlob lura s-somma ta Lm1,252 o meno u dana anke il-ghaliex iz-zewg partijiet iddikjaraw li l-provi mressqa f'dik il-kawza jisthgu jservu wkoll bhala provi f'din l-odjerna kawza.

Illi mill-provi fil-kawza fl-ismijiet inversi ghal din odjerna jirrizulta li l-atturi kienu effettwaw is-segwenti pagamenti lill-konvenuti in kontemplazzjoni tan-negozju tal-vann:-

1. Is-somma ta Lm900 kienet thalset bhala depositu akkont qabel il-konsenja tal-vettura.
2. L-attur jallega fix-xhieda li kien taha quddiem il-Prim Awla li kien hallas Lm352 lil mekkanik kif konfermata minn dan ta l-ahhar stess u l-ircevuta relattiva tinsab esebita a fol 59 ta dak il-process;

Illi ghalhekk jidher li l-attur irnexxielu jipprova li huwa kien fil-fatt hallas is-somma mitluba f'din il-kawza ta Lm1252 (anzi Lm1253 biex inkun preciz) bid-differenza pero li fil-waqt li l-ammont ta Lm900 kien thallas lill-konvenut, is-somma ta Lm352 kienet thalset lill-mekkanik biex izomm il-vann funzjonabbli liema vann baqa wara kollox fil-pussess u ghall-uzu tal-istess attur sa ghaxar snin wara li kien sehh in-negozju originarjament. Difatti dan il-vann gie depositat minnu taht L-Awtorita tal-Qorti biss fil-mori ta dawn il-proceduri. Illi fuq bazi ta ekwita jinghad ukoll li apparti l-fatt li l-atturi baqghu jgawdu mill-uzu tal-vann jinghad ukoll li din il-vettura sejra tinghata lura lill-konvenuti b'valur deprezzat ferm nonostante t-tiswijiet li sarulu ghaxar snin ilu liema valur attwali tieghu sfortunatament ma ngibietx prova tieghu f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u

> jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, jilqa t-talbiet attrici in parte fis-sens li arbitio buon viri jillikwida l-ammont restitwibbli lill-atturi fis-somma ta erba mija u hamsin lira u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata fis-somma ta Lm450 bl-interessi legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza b'dan illi l-ispejjes tal-odjerni proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**"**

L-appell interpost mill-atturi fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza hu fis-sens infraskritt:-

(1) It-Tribunal kien legalment zbaljat ghaliex il-konvenuti ma kkontestawx l-ammont mitlub u lanqas ma pprezentaw xi kontro-talba ghal kumpens ghaz-zmien li fih il-vann dam fil-pussess taghhom;
(2) It-Tribunal ma spjegax kif wasal ghal konkluzjoni li jnaqqas l-ammont ta' tmien mija u zewg liri (Lm802) mis-somma mitluba;

Il-konvenuti wkoll hassewhom aggravati mis-sentenza u minnha intavolaw appell incidentali biex jirriaffermaw il-kontenzjoni taghhom li l-azzjoni kienet preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

Ghall-ezami ta' dawn l-aggravji, ta' naha u ta' ohra, huwa xieraq li jigu registrati qabel xejn dawn l-antecedenti:-

(1) Il-partijiet kienu ftehmu dwar komprovendita ta' vann versu l-prezz ta' elf erba' mija u hamsin lira (Lm1450). Dan il-vann, proprjeta` ta' l-attwali konvenuti, ghadda bis-sahha ta' dan il-ftehim fil-poter ta' l-atturi. B' danakollu, it-transfer effettiv tieghu fil-forma rikjesta mil-ligi baqa' ma sarx;

(2) Fiz-zmien ta' l-akkordju l-atturi prezenti, akkwirenti tal-vann, hallsu akkont tal-prezz konkordat is-

somma ta’ disa’ mitt lira (Lm900), pero` billi l-makna ta’ l-istess vann kien htiegilha *reboring,* dawn ippretendew riduzzjoni fl-ammont bilancjali dovut biex jaghmel tajjeb ghall-ispiza ta’ tliet mija u tlieta u hamsin lira (Lm353) inkorsa ghall-istess *reboring*;

(3) Il-konvenuti vendituri ma qablux u ghaddew biex jitolbu lura l-vann permezz ta’ azzjoni quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Citazz. Nru. 291/94). Din l-azzjoni intemmet bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-11 ta’ Marzu 2003 li biha dik il-Qorti, filwaqt li rrevokat id-decizjoni tal-Qorti ta’ prim’ istanza (24 ta’ Marzu 2000), ordnat ir-ritorn lura tal-vann lill-vendituri;

(4) In vista ta’ din id-decizjoni l-atturi odjerni ipprocedew quddiem it-Tribunal ghal hlas lura tas-somma minnhom imhallsa akkont u ghar-rifuzjoni ta’ l-ispiza erogata ghar-*reboring* tal-makna. Fil-mori ta’ dan il-gudizzju l-vann gie depozitat f’ idejn konsenjatarju xelt (ara Cedola ta’ Depozitu a fol. 17);

Manifestament, l-epurazzjoni ta’ l-aggravji sottomessi tiddependi kwazi esklussivament mill-kontenut ta’ l-inkartament tal-kawza fl-ismijiet inversi deciza finalment mill-Qorti ta' l-Appell bil-predetta sentenza tal-11 ta’ Marzu 2003. Dan anke ghaliex, kif hekk jirrizulta, l-istess kontendenti strahu ghal kollox fuq l-atti processwali ta’ dak il-process l-iehor, u li, bi qbil komuni, gie alligat ma’ l-istanza prezenti. Ara verbali tad-19 ta’ Novembru 2003 (fol. 12) u tat-3 ta’ Marzu 2004 (fol. 15);

Dan premess, il-Qorti jidhrilha li ghandha l-ewwelnett tghaddi biex tinvesti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni opposta, ri-affermata mill-konvenuti fl-appell incidentali taghhom bil-motiv li ma ngiebet ebda prova mill-atturi ta’ xi interruzzjoni tad-dekors taz-zmien preskrizzjonali jew ta’ xi rinunzja minnhom ghaliha;

Jibda biex jigi rilevat illi ghalkemm f’ certi kazijiet l-azzjoni gudizzjarja li tkun qed tigi ezaminata tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament gudizzjarju iehor u li sakemm ma jigix pronunzjat ma jippermettix li l-perkors tal-perijodu preskrittiv jibda u jibqa’ miexi (ara “**Bianco -vs- Demarco**”, Appell Kummercjali, 2 ta’ Gunju 1930), dan ma huwiex il-kaz hawnhekk.  Dan ghaliex is-sentenza l-ohra fl-ismijiet inversi ma kienetx hlief wahda dikjaratorja ta’ dik li kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel beda l-procediment u din allura ma ghandha ebda rilevanza ghal meta l-azzjoni prezenti setghet tigi intavolata u konsegwentement ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni.  Ara “**Bartolomeo Xuereb -vs- Carmelo Zammit**”, Appell Kummercjali, 9 ta’ Marzu 1994;

Lanqas ma jistghu jkunu ta’ utilita ghal punt tal-preskrizzjoni r-rizervi li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell favur l-atturi prezenti fil-parti decizorja tas-sentenza (11 ta’ Marzu 2003).  Dan ghar-raguni illi, kif enuncjat, dawk ir-rizervi jsiru *si et quatenus*, jigifieri illi “min saret dik ir-rizerva favur tieghu jkun ghad ghandu l-azzjoni u din ma tkunx perenta skond il-ligi.  Ir-rizerva ma ggibx ir-rivivixxenza ta’ l-azzjoni li tkun giet estinta” (“**Paolo Borg -vs- Neg. Francis Grech *et***”, Appell Kummercjali, 22 ta’ Dicembru 1948);

Maghdud dan, ma jfisserx lanqas illi l-konvenuti jistghu f’ dan il-kaz jikkampaw fuq id-difiza tal-preskrizzjoni.  Hu rikonoxxut mill-Kodici Civili illi l-preskrizzjoni tista’ tinkiser mhux biss permezz ta’ att gudizzjarju imma wkoll fl-ipotesi fejn id-debitur ikun gharaf il-jedd tal-parti avversa (Artikolu 2133).  Dan hu proprju l-kaz hawnhekk;

Jirrizulta mill-atti tal-kawza l-ohra illi l-konvenuti odjerni, allura atturi, kienu ammettew li rcevew is-somma ta’ disa’ mitt lira (Lm900).  Ara xhieda ta’ John Bugeja a fol. 41 u 49 ta’ dak il-process l-iehor.  Mhux hekk biss.  L-istess Bugeja ghadda biex fl-udjenza tal-21 ta’ Jannar 2000 (ara verbal a fol. 70) ikkonkretizza din l-ammissjoni tieghu b’

talba ghall-korrezzjoni ta’ l-ammont indikat minnu fit-tielet talba tieghu biex dan jigi jaqra “hames mija u hamsin lira” minflok “elf erba’ mija u hamsin lira”, kif originarjament mitlub. La dan hu hekk, l-appellanti incidentali ma jistghux jippretendu illi fil-mument li giet ipprezentata l-attwali kawza mill-atturi (15 ta’ Mejju 2003) din l-azzjoni taghhom kienet kolpita bil-preskrizzjoni. In vista ta’ dan l-aggravju taghhom qed jitqies infondat;

Fil-kaz ta’ l-appell principali wiehed ghandu wkoll *per forza* jirrikorri ghall-atti tal-kawza l-ohra. Minnhom jirrizulta illi l-atturi appellanti kienu ilhom fil-pussess tal-vann ghal mill-anqas ghaxar snin qabel ma ghaddew ghad-depozitu tieghu f’ idejn konsenjatarju, u hu presumibbli hafna li fil-kors ta’ dan iz-zmien huma ghamlu wkoll uzu minnu. Irrizulta wkoll, mill-banda l-ohra, illi l-makna tieghu giet irriborjata u dan il-fatt u r-rizultanti miljoramenti, kif anke kkonstatat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha, kienu ser jibbenefikaw lil sid il-vann;

Issa huwa veru li in linea ta’ principju l-gudikant hu mistenni li joqghod fil-limiti tal-kontestazzjoni, ossija ta’ dak mitlub minn parti u dak ikkontestat mill-parti avversa. Dan pero` ma jfisserx illi l-gudikant hu prekluz milli jaghmel ir-rikostruzzjoni tieghu tal-fatti tal-kaz in bazi ghar-rizultanzi istruttorji. Proprju, imbaghad, ghaliex il-gudikatur tat-Tribunal adit ghandu, b’ attribuzzjoni legislattiva specjali, il-poter li jiddeciedi principalment skond l-ekwita` t-talba mressqa lilu [Artikolu 7 (1) Kapitolu 380], dan seta’, anke fl-assenza ta’ kontro-talba, jaghmel valutazzjoni libera u elastika tal-provi akkwiziti minghajr il-htiega ta’ l-osservanza rigida tas-*summum jus*, biex jasal ghall-gudizzju tieghu dwar is-somma pretiza. Dan, sahansitra, anke “fin-nuqqas ta’ tharis ta’ xi formalita`” [Artikolu 9 (3)];

Huwa mbaghad wisq ovvju mill-kontenut tas-sentenza illi l-uzu ta’ l-arbitrarjeta` tat-Tribunal kien hekk bazat fuq il-konsiderazzjonijiet tal-fatti u tal-provi emergenti mill-

process l-iehor u hawn fuq senjalati. Din il-Qorti ma tarax li ghandha ticcensura l-ezercizzju arbitrali maghmul mit-Tribunal fir-riflessjoni tal-fatt illi l-vann dam fl-uzu ta’ l-atturi ghal tant snin u tal-fatt l-iehor abbinat illi, certament, dak l-uzu u t-trapass taz-zmien, anke jekk akkoppjat mal-fatt tar-*reboring*, gab deprezzament fil-vann. Ma jistax jinghad, allura, li taht dan il-profil l-uzu tad-dritt ekwitattivi mit-Tribunal kien wiehed difettuz li jintitola li din il-Qorti tiddisturba l-konkluzjoni raggunta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad kemm l-appell principali ta’ l-atturi kif ukoll dak incidentali tal-konvenuti. Kull parti tbati l-ispejjez ta’ l-appell introdott minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------